Minuti tal-Laqgħa Nru.19 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 21 ta' Ottubru 2008 fil-5.30 p.m.

**Preżenti:** Il-Membri

Is-Sindku Is-Sur John Schembri

Il-Viċi Sindku Is-Sur Joseph Scicluna

Il-Kunsilliera Is-Sur Victor Caruana
Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M
Is-Sur Joseph Camilleri
Is-Sinjura Luċia Massa

**L-Uffiċjali:**
Is-Segretarju Eżek. Is-Sur Michael Borg

**Assenti:** Dr. Frank Psaila

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport Finanzjarju Lulju/Settembru 2008
5. Mozzjonijiet
6. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Camilleri ssekondata mis-Sinjura Lucia Massa.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenzi għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resumé tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-21 ta' Ottubru 2008 fosthom :

a) E-mail mis-Supretendent Ray Zammit li titlob għal laqgħa mal-Kunsill għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Ottubru 2008 fil-10.45 a.m. Il-Kunsill laqa' l-istedina għal din il-laqgħa;

b) Memo 32/2008 mid-DGL dwar faċilita' lill-Kunsilli Lokali li javzaw l-attivitajiet bla ħlas;

c) E-mail mid-DGL li tinforma li t-Taqsima tal-Kummerċ talbet lill-Kunsilli Lokali kollha biex għalissa u b'effett immedjat ma jaċċettawx ħlasijiet ta' liċenzji;

d) E-mail mill-AKL li titlob lill-Kunsilli Lokali jimblokkaw id-dati 3-7 ta' Diċembru 2008 minħabba attivitajiet li se jiġu organizzati bħala parti mill-15 Anniversarju tal-Kunsilli Lokali;

e) Talba mill-Iskola Primarja biex jingħalqu ċerti toroq nhar it-Tlieta, 28 ta' Ottubru 2008 bejn d-9 u l-11 a.m. minħabba *"Fun Run"* li se ssir mill-Iskola.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sal-21 ta' Ottubru 2008.

f) F'dan l-istadju tal-laqgħa s-Sindku pprezenta tliet stimi għax-xiri tal-*P.A. System* għall-Kunsill. Is-Sindku stieden lis-Sur Joe Piscopo, li ħa ħsieb il-

ġbir tal-kwotazzjonijiet, biex jispjega u jagħti tagħrif dwar l-istimi miġbura.

fi) Is-Sur Piscopo qal li mit-tliet stimi l-aktar waħda favorevoli hija dik ta' "*Olimpus Music*". Għalkemm din l-istima titla' għal €702 u mhijiex l-aktar waħda vantaggjuża, bħala sistema hija l-aħjar waħda. Din tieħu erba' *microphones* f'daqqa. Il-*microphone* irid jinxtara apparti.

fii) Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomandazzjoni tas-Sur Piscopo li jilqa' l-istima ta' "*Olimpus Music'* u li jinxtara *microphone cordless* u bil-wire flimkien ma' li *stand*.

- Is-Sur Victor Caruana staqsa meta ta' l-ADT neħħew xi sinjali tat-traffiku biż-żebgħa, għala neħħew ta' xi nies u ħallew ta' oħrajn. Is-Sindku wieġeb li din id-domanda trid issir lill-ADT u mhux lilu (lis-Sindku). |ied igħid li dak li sar mill-ADT kienet vendikazzjoni.

- Dwar xogħol ta' zebra crossing li sar fi Triq il-Karmnu (ħdejn is-*Supermarket Lidl*) inġibdet l-attenzjoni li saret il-bażi biex jitwaħħal arblu quddiem il-garaxx tal-Kunsill b'mod li jostakola l-aċċess għall-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li jsir kuntatt mal-ADT (is-Sur Joe Chircop) biex ma jħallix isir it-twaħħil ta' l-arblu.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU LULJU/SETTEMBRU 2008

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta għad-diskussjoni ir-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill għall-perijodu ta' Lulju/Settembru 2008.

4.2 Peress li kopja tar-Rapport kienet intbgħatet lill-Kunsillieri minn jiem qabel il-laqgħa, is-Sindku stieden lill-Kunsillieri jagħmlu d-domandi jew kummenti tagħhom dwar ir-rapport.

4.3 Wara li saru xi domandi, is-Sindku ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni, liema rapport ġie unanimament approvat.

## 5. MOZZJONIJIET

5.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid li : **l-Kunsill japprova li jsir it-tindif tal-*Water Culvert* u jiġu rranġati l-kaptelli mkissrin li hemm fl-istess *Walter Culvert* li hemm fi Triq Wied in-Noqor, Hal Farrug kif ukoll jiġi rranġat il-ħajt perikoluż li hemm fl-istess triq.**

5.2 Qabel ma bdiet id-diskussjoni fuq din il-mozzjoni, is-Sur Joe Piscopo talab u ngħata l-permess biex iressaq emenda għal din il-mozzjoni. L-emenda tas-Sur Piscopo, issekondata mis-Sur Victor Caruana, tgħid li l-mozzjoni oriġinali għandha tinkludi wkoll *water-culverts* oħrajn, fosthom ta' Triq Ganni Vassallo, Triq il-Wilġa u Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

5.3 Is-Sur Piscopo qal ukoll li min jieħu dan ix-xogħol jagħmel rapport dwar jekk il-*water culvert* ta' Triq Ganni Vassalla l-ilma huwiex miexi jew le peress li jista' jkun li hemm xi sadd.

5.4 Wara diskussjoni fuq il-mozzjoni kif emendata, din ġiet unanimament approvata. Għaliha trid tinħareġ *Tender*.

## 6. ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-21 ta' Ottubru 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm *items* oħra x'jiġu diskussi, fis-7.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

- Konfermati llum 17 ta' Novembru 2008.

________________ ____________________

John Schembri — Sindku

Michael Borg — Segretarju Eżekuttiv